MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 75/2010

**J Grima & Company Limited**
**vs**
**Ramon Anastasi ID-580485M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar 2010, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €2,583.43 (elfejn, hames mija u tlieta u tmenin euro u tlieta u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma xoghol mibjugh u konsenjat lill-istess konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 1022/09 u bl-imghax legali mis-27 ta Frar 2009 kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni ta l-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-

gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-11 ta Gunju 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u kwindi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' €2,583.43 (elfejn, hames mija u tlieta u tmenin euro u tlieta u erbghin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-27 ta' Frar 2009 u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------